**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 21 ta' Jannar 2021**

Numru 14

**Rikors Guramentat Nru. 817/2020**

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali**
**tas-socjeta PUMA AG Rudolf Dassler Sport**

**vs**

**Dr Fransina Abela u P. L. Gerald Bonello**
**kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil**
**Sarl MSA Import Export, nominati**
**b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-14 ta' Settembru 2020 li jghid hekk:

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f'Malta bin-numru 13092.

Illi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravvjena t-trademark in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-trademark ghar-rigward ta' oggett li huwa identici ma' dawk li dwarhom it-trademark tas-socjeta attrici giet registrata u dan billi gab f'Malta kwantita ta' hwejjeg ta' "Puma" liema oggetti mhumiex modelli tas-socjeta

attrici u ghandhom ”clear cut infringements of PUMA trademarks”; is-security labels mhumiex inkluzi.

Illi ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta attrici.

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u/jew prodotti u/jew importati f’Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta tas-socjeta attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 tal-Att dwar it-Trademarks u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta (EC 1383/2003).

Ghaldaqstant jitlob lil Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravvjena t-trademark jew trademarks proprjeta tas-socjeta attrici u l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’hekk ikkaguna danni lis-socjeta attrici;

2. Tordna l-qerda tal-oggetti spaccjati u/jew prodotti u/jew migjuba f’Malta fil-container APHU4682760 mill-konvenut bit-trademark/s tas-socjeta attrici.

Bl-ispejjez prezentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni. B’riserva ghall-azzjoni ta’ danni.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-25 ta’ Novembru 2020 fejn ecceppew:

Illi d-deputati kuraturi gew hekk nominati permezz ta’ digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti datat 27 ta’ Ottubru 2020;
Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;
Illi l-esponenti jirriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet kemm-il darba jirnexxielhom jaghmlu kuntatt mas-socjeta konvenuta;
Illi l-esponenti qeghdin jitolbu minn issa xi indirizz u/jew dettalji ohra li jista’ jkollu l-attur oltre dak imnizzel.
Salv risposta ulterjuri u/jew eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolo.

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marki ‘PUMA’ u ‘Cat’ u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta’ din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta’ trademarks f’Malta bin-numri 13091 u 13092.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f’container numru APHU4682760 kien inhatt fil-port hieles ta’ Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM COLUMBIA li kien diehel Malta fid-9 ta’ Novembru 2019 l-Ufficjali tal-Kontrollur tad-Dwana sabu konsenja ta’ wiehed u tletin (31) balla b’total ta’ hamest elef tmien mija u tmenin (5,880) bicca hwejjeg sportivi, u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mill-affidavit datat 10 ta’ Settembru 2020 (Dok. C fol. 8) maghmul minn Ulla Sieber, rapprezentanta tas-socjeta attrici.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skont il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Mark Anthony Ellul datat 10 ta’ Dicembru 2018 (fol. 29) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta’ Ulla Sieber li kkonfermat li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi dawk sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti huma a karigu tas-socjeta konvenuta. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej.

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz b’dan illi

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’wiehed u tletin (31) balla b’total ta’ hamest elef tmien mija u tmenin (5,880) bicca hwejjeg sportivi, u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li

f'container numru APHU4682760 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil konvenuta u a spejjez taghha;

3. Tordna lil konvenuta thallas l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati u tal-ispejjez tal-Ufficjal tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 u tar-regolament EU 608/2013, u dan kif jirrizulta mill-affidavit ta' Mark Anthony Ellul (fol. 30);

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur